MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1833/2005

**Anthony Tanti ID 459462(M)**

**Vs**

**Paul Attard**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' hames mija w erbgha w erbghin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm544.55c) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata fuq ordni tal-konvenut stess.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba ta' l-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' hames mija w erbgha w erbghin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm544.55c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------